MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 972/2006

**Mobisle Communications Ltd**
**(C-24655)**

**Vs**

**Bone Marica**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 t'Ottubru, 2006 fejn is-socjeta` attrici qed titlob lill-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm364.82) rapprezentanti kont illi ghadu dovut in konnessjoni ma' client contract number number 1005938 in konnessjoni ma servizz moghti lill-istess konvenuta ghax-xhur bejn April 2005 u Mejju 2006.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda tal-PL Peter Sammut li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta’ tlett mija u erbgha u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm364.82) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru, 2006 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------